MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 1090/2005

Tancred V. Camilleri Ltd.
vs
Pirella Supermarkets Limited

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha ppremetta:

Illi s-socjeta` attrici kienet kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta' hamest elef tliet mija sebgha u sittin lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm5,367.27) rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lis-socjeta` konvenuta fuq ordni taghha stess u dana skond kif kien jirrizujlta mill-istatement u fatturi hawn annessi.

Illi ghalkemm is-socjeta` konvenuta kienet giet interpellata sabiex tissalda dan l-ammont hija kienet baqghet inadempjenti.

Illi dan id-debitu kien cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta` konvenuta ma kellhiex eccezzjonijiet x'taghti u ghalhekk il-kawza kienet tista' tigi deciza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta''Procedura Civili.

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti:

(1) Taqta' u tiddeciedi l-kawza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Procedura Civili u cioe` bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza u (2) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamest elef tliet mija sebgha u sittin lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm5,367.27) – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax kalkolat mid-data ta' kull konsenja u bl-ispejjes komprizi dawk tal-mandat ta' qbid, dak ta' sekwestru u dak ta' inibizzjoni intavolati kontestwalment mac-citazzjoni kontra s-socjeta` konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensur tas-socjeta` attrici.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat in-nota tat-22 ta' Frar, 2006 li biha Dr. Stefan Camilleri ghas-socjeta` attrici pprezenta nota ta' riduzzjoni tal-ammont ghal Lm2,367.27.

Rat in-nota tat-28 ta' Gunju, 2006 li biha Dr. Stefan Camilleri ghas-socjeta` attrici pprezenta nota ta' cessjoni tas-sorte filwaqt li zamm ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Rat li s-socjeta` konvenuta debitament notifikata ma dehritx ghas-seduti.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk it-talba attrici tidher gustifikata u l-Qorti filwaqt li taqta' u tiddeciedi l-kawza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Procedura Civili qed tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici l-ispejjez kollha tal-kawza stante li s-sorte gja jinsab imhallas.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-mandat ta' qbid, dak ta' sekwestru u dak ta' inibizzjoni kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------